29 ta' Novembru, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giovanna Carabott *versus* Generoso Carabott et.

**Likwidazzjoni — Legat — Legat ta' Ħaġa ta' Ħaddieħor — Legat "a limine intus" — Interpretazzjoni — Prelegat — Interessi — Kapital — Art — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Art. 733, 1371, 764 u 765, tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-prinċipju li d-djun ta' l-assi ereditarju għandhom jitħallsu qabel il-legati ma hux ta' ostakolu għall-ħlas tal-legati qabel il-ħlas tad-djun, meta l-attiv nett ta' l-eredità huwa biżżejjed għas-soddisfaċiment tal-legati.*

*Il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor jiswa kemm il-darba t-testatur ikun iddikjara fit-testment li huwa kien jaf li l-ħaġa legata mhix tiegħu, imma ta' ħadd ieħor. Din ir-regola però ma hix applikabili għad-dispożizzjonijiet testamentarji tar-raġel li jkollhom bħala oġġett tagħhom beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti; għax f'dan il-każ hija applikabili r-regola l-oħra illi, jekk ir-raġel jiddisponi mill-akkwisti b'testment, id-dispożizzjoni tiegħu hija valida jekk hemm mnejn il-mara tiġi kompensata tas-sehem li jkun imissha.*

*Biex wieħed jistabbilixxi l-estensjoni ta' legat "a limine intus", għandu jsegwi l-prinċipju illi l-volontà tat-testatur għandha tiġi de-*

*sauta mid-diversi dispożizzjonijet testamentarji tiegħu, u l-prinċipju l-ieħor illi meta hemm dubju jekk il-legat għandux jiġi ammess jew eskluż, l-interpretazzjoni, per regola, għandha tkun favur il-legatarju.*

*Meta mbagħad il-kwistjoni tkun dwar il-kwantitativ tal-legat "a limine intus", wieħed għandu l-ewwelnett jistabbilixxi x'ried ifisser it-testatur bil-kelma "dar" li għaliha jirriferixxi l-legat; u fil-legat għandhom jidħlu dawk l-oġġetti li jkunu barra mid-dar okkażjonalment biss, bħal ma għandhom jiġu esklużi dawk li jkunu jinsabu fid-dar b'kumbinazzjoni.*

*Huwa veru li l-prelegatarju għandu jsofri sehem mill-prelegat; imma din il-kontribuzzjoni tiegħu tiġi "ipso facto" ottenuta bil-prelevament tal-ħaġa legata mill-massa li għandha tiġi diviża; u l-prelegatarju għandu dritt għall-prelevament tal-ħaġa prelegata kollha kemm hi, mingħajr deduzzjoni ta' l-ammont tas-sehem li, bħala koeredi grarat b'dak il-prelegat, huwa għandu jsofri għall-istess prelegat.*

*L-imgħax fuq il-legat jibdu jgħaddi minn meta ssir il-kostituzzjoni in mora, u mhux mill-mewt tat-testatur, salvi l-eċċezzjonijiet li hemm fil-liġi, fosthom dik ta 'meta l-oġġett tal-legat huwa "kapital". U bil-kelma "kapital" wieħed għandu jifhem mhux kwalsijasi somma ta' flus, li hija dovuta b'titolu ta' legat, imma biss dik is-somma ta' flus li fil-mument tat-testment tinsab impjegata b'mod fruttiferu.*

F'dina l-kawża Giovanna mart Generoso Carabott in unjoni miegħu ppremettiet illi fil-5 ta' Novembru 1930 mietet Giovanna mart Antonio Sammut, li miet fit-30 ta' Awissu 1937, ġenituri tagħha u tal-konvenuti, u li kienu żżewġu bla skrittura fit-2 ta' Lulju 1893, u għamlu testment "unica charta" fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Azzopardi fit-23 ta' Frar 1919, fejn ħallew lil xulxin l-użufrutt universali tal-beni tagħhom u istitwew eredi lill-kontendenti u żewġ uliedhom oħra (li mietu qabilhom improli) fi kwoti ugwali; illi l-imsemmi Antonio Sammut, wara l-mewt ta' martu, għamel testment ieħor in atti tan-Nutar Giovanni Vella fis-17 ta' Diċembru 1935, fejn ħalla lill-attriċi prelegat ta' £40, kif ukoll, b'testment ieħor fl-istess atti tat-23 ta' Frar 1937, ħallielha prelegat ieħor ta' £30 u l-mobbli tad-dar mill-għadba 'l ġewwa, il-bjankerija u affarijiet oħra mobili, barra l-flus, titoli,

jew irċevuti tal-bank, avvolja dawna l-oġġetti kollha jappartjenu in parti lil *Giovanna Sammut martu, li allura kienet* mejta; kif ukoll, in forza ta' l-istess testment, ħallielha in prelegat in-nagħaġ, il-mogħoż u annimali oħra, barra miż-żiemel, li hu ħallih lill-konvenuti; u ħalla wkoll in virtù ta' l-istess testment, lill-attriċi u lill-konvenuti, il-prodotti, l-għodda ta' l-agrikoltura, u d-dritt ta' l-inkwilinat tar-raba' li allura kellu f'idejh; u talbet li, premessi, jekk hemm bżonn, il-likwidazzjoni tal-mobbli, bjankerija u affarijiet oħra mobili li kienu jinsabu mill-għadba 'l ġewwa fid-dar tiegħu fl-epoka *li miet, kif ukoll il-likwidazzjoni tar-rjus ta' l-annimali, tal*-prodotti, tal-għodda tal-bidja, u tal-valur ta' l-inkwilinat tar-raba' li kien f'idejh, illi l-konvenuti, bħala eredi ta' Antonio Sammut, jiġu kundannati jħallsu lilha l-prelegati fuq imsemmija — dawk ta' somom ta' flus bil-lukri legali mill-ġurnata tal-mewt ta' Antonio Sammut, jiġifieri mit-30 ta' Awissu 1937, u kwantu għal-legati l-oħra bil-lukri legali min-notifika, fil-każ li fiż-żmien li tipprefiġġilhom il-Qorti ma jkunux ħallsu l-istess prelegati. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Id-diffikultajiet li setgħu nqalgħu dwar jekk il-konvenuti aċċettawx jew le l-wirt tal-ġenituri tagħhom ġew imneħħija..............;

Għalbekk il-kontendenti għandhom ilkoll jitqiesu bħala eredi tal-ġenituri tagħhom "ex admissis";

Issa mill-attijiet jirriżulta illi l-prelegati mħollija lill-attriċi kienu dawn:—

1. Prelegat ta' £40, lilha mħolli minn missierha Antonio Sammut bit-testment fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Vella tas-17 ta' Diċembru 1935;

2. Prelegat ieħor ta' £30, lilha mħolli b'testment ieħor ta' l-istess Antonio Sammut tat-23 ta' Frar 1937, fl-istess attijiet tan-Nutar Vella, li bih saru favur tagħha anki dawn il-prelegati l-oħra; jiġifieri:—

3. Prelegat tal-mobbli ta' ġod-dar mill-għadba 'l ġewwa, il-bjankerija u affarijiet oħra mobbli, barra minn flus jew titoli jew riċevuti tal-bank;

4. Prelegat tan-nagħaġ, mogħoż u annimali oħra, barra miż-żiemel, li ġie mħolli lill-konvenuti Giuseppe u Carmelo;

5. Prelegat (konġuntament mal-konvenuti Carmelo u

(Giuseppe) tal-prodotti u għodda ta' l-agrikoltura, u d-dritt ta' l-inkwilinat tar-raba' li kien f'idejn it-testatur;

Mill-perizja — elaborata u informativa — jidher illi l-prinċipju illi d-djun ta' l-assi għandhom jitħallsu qabel il-legati ma hux ta' ostakolu f'dan il-każ; għaliex l-attiv nett hu biżżejjed għas-soddisfaċiment tal-legati (ara sentenza ta' din il-Qorti "Coppini vs. Dr. Frendo", Imħallef Dr. Gasan, 3 ta' Jannar 1877, u Appell "Concorso Tabone" 22 ta' April 1927);

Kwantu għall-prelegat tan-nagħaġ, mogħoż u annimali oħra, deher mill-provi li mogħoż, fil-fatt, meta miet Antonio Sammut ma kienx hemm, u li l-attriċi ħadet, fil-fatt, l-annimali l-oħra (tletin tiġieġa u sitt nagħġiet) li kien hemm. (Għalhekk, kwantu għal dan il-prelegat, kien hemm dik li tissejjaħ "imminissjoni stragudizzjali" fil-pussess tal-ħaġa legata, li ma hijiex kontra l-liġi (ara Ricci, Corso, Vol. III, para. 391, pag. 878);

Kwantu għall-prelegat tal-prodotti u għodda tar-raba' u d-dritt ta' l-inkwilinat, jirriżulta................;

Kwantu għall-prelegat "a limine intus", hu xieraq li jiġu riżoluti żewġ kwistjonijiet;

Irriżulta illi fost l-oġġetti kompriżi f'dan il-prelegat hemm xi wħud li kienu jappartjenu mhux lit-testatur, iżda lil martu predeċessa. Hu validu l-legat għal dawn l-oġġetti aljeni?

Anki kieku din il-kwistjoni kellha tiġi riżoluta in bażi għall-prinċipju ġenerali applikabili għad-dispożizzjonijiet testamentarji, kienet tkun valida. Infatti l-art. 733 tal-Kap. 23 appuntu jgħid illi "il-legat tal-ħaġa ta' ħadd ieħor ma jiswiex ħlief jekk ikun dikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf illi l-ħaġa kienet ta' ħadd ieħor, u mhux tiegħu................"; liema artikolu jsegwi l-prinċipju tad-Dritt Ruman (Instit. de legat, Lib. 2, tit. 20, para. 4) "quod autem diximus alienam rem posse legari ita intelligendum est si defunctus sciebat alienam rem esse, non si ignorabat". U preċiżament fit-testment "de quo" hemm iddikjarat mit-testatur illi l-oġġetti kollha kompriżi fil-prelegat kienu jappartjenu in parti lil mart it-testatur, allura predeċessa. Però, kif irrileva l-Imħallef Dr. Buhagiar sedenti f'din il-Qorti, fis-sentenza "Darmanin vs. Copperstone", mogħtija fit-13 ta' Awissu 1925, ir-regola ta'

l-art. 733 fuq imsemmi, minħabba d-diversità tal-fondament ġuridiku tagħha, ma hijiex proprjament applikabili għad-dispożizzjonijiet testamentarji tar-raġel li jkollhom bħala oġġett tagħhom beni ta' l-akkwisti, li hija komunjoni "sui generis". F'każ simili hija applikabili d-dispożizzjoni, korrettament ċitata mill-perit legali, dik ċjoè ta' l-art. 1371, li jgħid illi jekk ir-raġel jiddisponi mill-akkwisti b'testment, id-dispożizzjoni tiegħu għandha effett, basta l-mara tiġi kompensata tas-sehem li jkun imissha. Għalhekk id-dispożizzjoni in kwistjoni hija valida, salv dak il-kumpens, li fil-fattispeċje, minħabba l-identità tal-persuna ta' l-eredi tal-mara u tar-raġel, jista' jkun meramente konteġġ ta' valur ideali;

Il-kwistjoni l-oħra, dejjem dwar dan il-legat "a limine litis", tirrigwarda l-*estensjoni* tiegħu; jekk ċjoè dan il-legat għandux jikkomprendi biss il-*mobbli li kienu jinsabu* fir-razzett, jew ukoll il-mobbli l-oħra li kien hemm fid-dar taż-Żejtun;

Biex wieħed jirriżolvi din il-kwistjoni, hemm bżonn li jżomm ċar quddiemu żewġ prinċipji: l-ewwel illi l-volontà tat-testatur ("quid senserit testator") għandha tiġi desunta mit-testment, u, meta hemm diversi testmenti suċċessivi, mill-kumpless tad-dispożizzjonijiet testamentarji (Prim'Awla "Ribault vs. Banca Scicluna" 5 ta' Ġunju 1895); u l-ieħor illi, per regola, *meta hemm* kwistjoni jekk il-legat għandux jiġi ammess jew eskluż, l-interpretazzjoni hija favur il-legatarju; imma meta l-kwistjoni hija dwar il-kwantità tal-legat, allura, in linja ta' massima, l-interpretazzjoni hija favur l-eredi, ammenokkè ma jkunx hemm raġunijiet valevoli għall-kuntrarju, bħal meta l-legat ikun ordnat "titulo oneroso" (*idem*). F'*dan* il-każ ma hemmx kwistjoni dwar l-ammissjoni jew esklużjoni tal-legat; il-kwistjoni hija dwar il-"kwantitativ";

Issa fit-testment it-testatur qal "il-*mobbli ta'* ġod-dar". Meta l-indaġini hi dwar "quid senserit testator" meta qal il-kelma "dar" fil-mument tat-testment;

Mill-provi deher illi l-missier (it-testatur) kien ilu joqgħod b'mod definitiv u permanenti fir-razzett, fejn kienu joqgħodu miegħu l-attriċi (wara l-mewt ta' l-omm) u l-konvenut Carmelo. Hemm lu dam marid sentejn, u hemm miet. Issa meta l-missier għamel it-testment l-ieħor tas-17 ta' Diċembru 1935 (fol. 11), f'epoka li l-attriċi kienet qiegħda toqgħod miegħu fir-razzett, hu rriferixxa għaliha bħala "residente nel-

la stessa dimora col testatore..............." Għalhekk, kif tajjeb irritjena l-perit legali, hu loġiku li wieħed jirritjeni illi fl-intenzjoni *tat-testatur id-dar tiegħu kienet dik tar-razzett; dik* kienet id-dimora tiegħu. Kwindi fil-legat "a limine intus" huma kompriżi biss il-mobbli tar-razzett, jiġifieri dawk fid-dokument markat "X", fol. 94. li ġew stmati £4. 17. 0. Meta ġew stmati kienu fid-dar ta' San Niklaw; imma l-attriċi stess stqarret li meta miet missierha dawk kienu l-mobbli ta' ġewwa r-razzett (ara xhieda tagħha fol. 111);

Il-mobbli l-oħra *ma jidħlux. Hu veru li fil-legat* "a limine intus" hemm kompriżi anki l-oġġetti li okkażjonalment ikunu barra mid-dar, kif inhuma esklużi dawk li b'kumbinazzjoni jkunu ġod-dar; imma f'dan il-każ il-mobbli l-oħra ma kienux mobbli li soltu kienu jkunu r-razzett, u biss okkażjonalment inħarġu; u għalhekk ma humiex kompriżi. Kien ikun divers il-każ kieku jitħalla legat "a limine intus" ta' l-oġġetti *f'dar il-Belt, u t-testatur imut* meta x'uħud minn dawn l-oġġetti jkunu ttieħdu okkażjonalment fid-dar tal-villeġġjatura għax-xhur tas-sajf;

Deher mill-provi illi l-attriċi ġa ħadet f'idejha l-mobbli kollha, tant tar-razzett kemm tal-post l-ieħor; għalhekk fil-fatt hi ġa ħadet l-oġġetti kompriżi fil-legat "a limine intus". Kwantu għall-oħrajn li qegħdin għandha u li ma humiex kompriżi fil-legat, dawn ikunu materja ta' likwidazzjoni eventwali;

Appena hemm bżonn jingħad illi l-fatt li l-attriċi, fl-isperanza forsi li jkunu inklużi, ġarret wara mewt missierha l-mobbli tal-post iż-Żejtun, u ħadithom fir-razzett, ma hu ta' l-ebda importanza; għaliex hu risaput illi, minn żmien id-Dritt Ruman (Lex 86 Dig. De Legatis), il-legatarju ma jistax jimpingwa l-legat tiegħu billi jittrasporta oġġetti oħra fid-dar tat-testatur;

Kwantu għall-prelegati, wieħed ta' £40 u l-ieħor ta' £30, dawn l-attriċi ma ħadithomx. Il-perit legali naqqsilha dawn il-prelegati b'ammont ta' sehemha bħala koeredi gravata bl-istess prelegati, u ddeduċielha wkoll xi somom tal-wirt li kellha f'idejha, *in via ta' kompensazzjoni;*

L-attriċi għandha raġun però tilmenta minn din il-parti tar-relazzjoni fin-nota tagħha fol. 198;

Kwantu għal sehemhu bħala koeredi, hu prinċipju illi l-prelegat ma hux ħlief "un legato per precapienza prelevabile a favore di uno o più eredi, e così appellasi perchè deve essere prelevato prima della divisione come tutti gli altri carichi della eredità" (Prim'Awla "Mallia et vs. Dr. Falzon" 29 ta' April 1884). Hu veru li l-koeredi stess li hu prelegatarju għandu jsofri sehmu, imma din il-kontribuzzjoni tiegħu tiġi "ipso facto" ottenuta bil-prelevament tal-ħaġa mill-massa li għandu tiġi diviża. Igħid tajjeb ir-Ricci (ibid. paġ. 806): — "..............nella prima ipotesi si ha la figura del prelegato, il quale, come indica lo stesso vocabolo, consiste nel prelevare dalla massa dividenda cose determinate a beneficio di uno o più tra diversi coeredi. Suppongasi che il testatore dica 'istituisco eredi Tizio e Sempronio; lego a Tizio la mia casa di abitazione'; in questa ipotesi il legato della cosa a favore di uno dei coeredi è posto a carico dell'intera eredità; quindi al pagamento del medesimo concorrono tutti i coeredi in proporzione della quota nella quale sono istituiti. Laonde, se Tizio sia erede per due terzi e Sempronio per un terzo, Tizio legatario concorrerà per due terze parti e per una terza parte Sempronio; il quale concorso si ottiene in fatto mercè il prelevamento della cosa lasciata in prelegato dalla massa dividenda". Hekk biss tistà' tiġi rispettata n-natura tal-prelegat bħala ħaġa "precapienda";

Kwantu għall-kompensazzjoni tas-somom l-oħra............ il-Qorti taqbel ma' l-atturiċi illi din il-kompensazzjoni ma għandhiex tiġi meħuda in konsiderazzjoni f'dan il-ġudizzju; salv li min jidhirlu li għandu interess u jedd jikkawtela ruħu skond il-liġi, "si et quatenus";

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għaż-żewġ prelegati ta' £40 u ta' £30, l-atturiċi qiegħda titlob l-imgħax legali mill-ġurnata tal-mewt tat-testatur. Issa l-art. 764 Kap. 23 jistabbilixxi r-regola ġenerali li l-imgħax fuq il-legat jitħallsu mill-kostituzzjoni "in mora" tal-werriet; imma l-art. 765, fost iż-żewġ eċċezzjonijiet fihom l-imgħax jitħallsu minnufih wara l-mewt tat-testatur, jinkludi dik meta l-legat ikun ta' kapital. Issa għandu jiġi notat illi l-liġi ma tgħidx sempliċement, kif qalet fl-art. 1182, "somma ta' flus", imma tgħid "kapital"; u ġie ritenut mid-duttrina u l-ġurisprudenza illi bil-kelma "kapital" wieħed

għandu jifhem mhux kwalsijasi somma dovuta b'titolu ta' legat, imma biss dik is-somma ta' flus li fil-mewt tat-testatur tinsab impjegata b'mod fruttiferu. Fis-sentenza "Mifsud vs. Micallef", maqtugħa definitivament fl-Appell fis-16 ta' Diċembru 1912, f'wieħed mill-konsiderandi l-ġudikant, fl-ewwel istanza (għaliex fl-appell is-sentenza ġiet revokata fuq bażijiet oħra), deher illi kien ta' fehma li "nei tempi attuali, malgrado ciò che se ne pensasse prima, una somma di denaro deve ritenersi per cosa fruttifera, essendo molti i mezzi sicuri per impiegarla"; però fil-konsiderando immedjatament susseġwenti hemm illi mis-subizzjoni deher illi s-somma legata ma kienetx baqgħet infruttifera. Igħid sewwa r-Ricci, Vol. III, pag. 886, para. 393:— "Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di denaro che è capace a produrre interessi, bensì quel denaro che, trovandosi già investito dallo stesso testatore, è stato destinato a produrre interessi". Dan qalu b'komment għall-art. 865 tal-Kodiċi Taljan, li hu bħal dak tal-Kodiċi Malti, bl-istess lokuzzjoni alternativa "capitale od altra cosa fruttifera", kif fl-artikolu 765 tagħna jingħad "kapital jew ħaġa oħra li tagħti frottijiet". Liema lokuzzjoni, in forza tar-regola interpretativa ta' l-"ejusdem generis", turi ċar li anki l-kapital għandu jkun fruttiferu; dan apparti li l-kelma "kapital" weħedha, għad-differenza tal-kelma "somma", għandha tfisser somma impjegata bil-lukri. Il-ġurisprudenza estera kienet ukoll dejjem f'dan is-sens (ara deċiżjonijiet riportati fil-Fadda, art. 864-865, para. 26, 26 bis., 27, etc.);

Għalhekk l-imgħax huma dovuti fuq dawn iż-żewġ prelegati mill-ġurnata tal-kostituzzjoni in mora, fil-każ in ispeċje mill-ġurnata tan-notifika tad-domanda ġudizzjarja;

*Omissis;*

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba fis-sens biss li tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi, bl-imgħax legali mid-domanda ġudizzjarja, iż-żewġ prelegati, wieħed ta' £40 u l-ieħor ta' £30; tiċħadha għall-prelegati l-oħra, in kwantu li dawn ġa ġew konsegwiti..................; l-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti kwart kull wieħed.. Salvi konteġġi u drittijiet oħra, esperibili fil-likwidazzjoni ta' l-assijiet. Il-Qorti tirriżerva tagħti prov-

vedimenti ohra jekk ikun hemm bżonn, biex tiġi eżegwita s-sentenza.